**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Frank Tabone)**

**Vs**

**Kevin Camilleri**

**Illum 8 ta' Jannar 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Kevin Camilleri ta' tlieta u tletin (33) sena, bin Joseph u Esther neè Falzon, imwieled Pieta' fil-5 ta' Awwissu 1982 u residenti 32, Triq Santa Rita, Sliema, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 422582(M), talli fis-7 ta' Jannar 2016 ghall-habta ta' l-erbgha u kwart ta' wara nofsinhar (16:15 hrs) gewwa Triq San Vincenz, Sliema:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt u cioè delitt ta' serq ta' handbag minn fuq il-persuna ta' Emilie Fochesato, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volontà tieghu u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur li ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin Euro u tlieta u disghin centezmi €232.93 (mitt Lira Maltija);
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Emilie Fochesato skond kif iccertifika Dr.Alfred Aquilina mic-Centru tas-Sahha tal-Gzira;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi garr il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;
4. U aktar talli huwa talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta'

Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u senjatament: (i) estratt mic-certifikat tat-twelid ta' l-imputat Dok. "A"; (ii) il-fedina penali ta' l-imputat Dok. "B"; (iii) rapport tal-Pulizija dwar il-kaz Dok. "C"; (iv) stqarrija rilaxxjata mill-imputat fis-7 ta' Jannar 2016 Dok. "D"; (iv) stqarrija rilaxxjata mill-imputat fit-8 ta' Jannar 2016 Dok. "E"; (v) certifikat mahrug mid-Dipartiment tal-Kura Primarja pertinenti ghal griehi li soffriet Emilie Fochesato Dok. "F"; (vi) dikjarazzjoni ta' rifjut ta' jedd ghall-parir legali Dok. "G" u (vii) sikkina li nstabet fuq l-imputat Dok. "H".

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Rat li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat ma hemmx il-htiega ta' nomina ta' Esperti f'dan il-kaz;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kaz;

## Ikkunsidrat:

L-imputat qed jigi akkuzat talli fis-7 ta' Jannar 2016 ghall-habta ta' l-erbgha u kwart ta' wara nofsinhar (16:15 hrs) gewwa Triq San Vincenz, Sliema: (1) Bil-hsieb li jaghmel delitt u cioè delitt ta' serq ta' handbag minn fuq il-persuna ta' Emilie Fochesato, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volontà tieghu u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur li ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin Euro u tlieta u disghin centezmi €232.93 (mitt Lira Maltija); (2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Emilie Fochesato skond kif iccertifika Dr.Alfred Aquilina mic-Centru tas-Sahha tal-Gzira; (3) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi garr il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija; (4) U aktar talli huwa talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9

tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

L-imputat ammetta ghall-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu u fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssibu hati ta' l-akkuzi hekk dedotti kontrih.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li bihom qed jigi akkuzat l-imputat u li gew minnu ammessi kif ukoll il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghalhekk wara li rat l-Artikoli 41(a), 49, 50, 274 (c), 277 u 289 Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kap.480 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi dedotti kontra tieghu, tikkundannah ghall-perijodu ta' tlett (3) snin habs effettiv **u** ghall-hlas ta' multa ta' mija u sittax il-Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

Ai termini ta' l-Artikolu 56 tal-Kap.480 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-konfiska u konsegwenti distruzzjoni tas-sikkina elevata mill-pussess ta' l-imputat u esebita fl-atti ta' dawn il-proceduri bhala Dok. "H".

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat ma nhatar l-ebda espert fil-kuntest ta' dawn il-proceduri. Ghal dawn ir-ragunijiet ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija l-imputat jigi ikkundannat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-dawl tal-fatt li rrizulta li l-imputat ghandu problema serja tad-droga, il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilità Korrettiva ta' Kordin biex l-imputat isegwi program residenzjali ghar-riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga u kemm jista' jkun il-kaz tieghu jigi processat mill-aktar fis possibli. Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Facilità Korrettiva ta' Kordin.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-procedimenti u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**